MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Numru 525/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**VS**

**JOSEPH CAMILLERI**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Camilleri, ta' 32 sena, bin Paul u Theresa nee' Caruana imwieled fil-Pieta' fl-1 ta' Frar 1972 li prezentement joqghod fil-facilita' korrettiva ta' Kordin, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 110672M;

Talli fid-29 ta' April, 2004, ghall-habta ta' 11.55 ta' filghodu mill-ufficcju tal-"ETC" li huwa sitwat fi Triq it-Teatru l-Antik, Valletta, kkommetta serq ta' pouch li kien fih flus kontanti, apparat cellular ital-marka Nokia mudell 3310 kif ukoll dokumenti u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Marlene Azzopardi mill-Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma' jeccedix l-elf lira maltin.

Kif ukoll, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 261, 279 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-istess imputat, din il-Qorti qieghda ssib lill-istess imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u tikkundannah ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija.

Din il-Qorti qiegheda wkoll tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs, sabiex jassisti lill-istess imputat Joseph Camilleri, fil-problema tieghu tad-droga.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------